



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Lulju 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0266(COD)

11821/23
ADD 3

TRANS 312
CLIMA 355
CODEC 1370
IA 185

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2023) 442 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT [...] Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument SWD(2023) 442 final.

Mehmuż: SWD(2023) 442 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 11.7.2023
SWD(2023) 442 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

[\[...\]](#)

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport

{COM(2023) 441 final} - {SEC(2023) 441 final} - {SWD(2023) 440 final} -
{SWD(2023) 441 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar CountEmissions EU
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hija problema fil-livell tal-UE?
Il-metodi tal-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) jintużaw f'diversi setturi ekonomiċi, inkluż fit-trasport, biex jiġġeneraw <i>data</i> dwar l-emissjonijiet prodotti minn attivitajiet speċifiċi ta' negozji u individwi. In-negozji u l-konsumaturi qed ifittxu aktar trasparenza dwar kif jiġu organizzati u pprovduti s-servizzi tat-trasport, u d-domanda għal servizzi li jimminimizzaw il-ħsara lill-klima qed tiżdied. L-għoti ta' informazzjoni ċara dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jagħti s-setgħa lill-klijenti biex jagħmlu għażliet aktar effiċjenti u jinfluwenza d-deċiżjonijiet kummerċjali tal-entitajiet li jipprovdu servizzi tat-trasport fis-suq. Madankollu, biex jitqabblu diversi servizzi tat-trasport b'mod ġust, trasparenti u sinifikanti, id-<i>data</i> dwar l-emissjonijiet trid tkun akkurata u affidabbli. Bħalissa, hemm firxa wiesgħa ta' standards, metodi, għodod ta' kalkolu u bażijiet tad-<i>data</i> tal-valuri prestabbiliti tal-emissjonijiet disponibbli kemm fl-UE kif ukoll fuq livell internazzjonali. Dawn l-għodod differenti jipproduċu <i>data</i> mhux uniformi u inkomparabbli dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra li toħloq konfużjoni, kemm għall-industrija kif ukoll għall-individwi, u xxekkel il-kapaċità tal-utenti li jagħmlu għażliet infurmati dwar it-trasport u deċiżjonijiet kummerċjali. Barra minn hekk, l-organizzaturi u l-operaturi tas-servizzi tat-trasport ma għandhomx biżżejjed inċentivi biex jikkalkulaw u biex jiżvelaw informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tagħhom, u l-utenti ma għandhomx informazzjoni akkurata. Dan huwa dovut għan-nuqqas ta' rieda li tiġi żvelata informazzjoni kummerċjalment sensittiva, il-kumplessità u l-kostijiet perċepiti tal-kwantifikazzjoni tad-<i>data</i> dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fil-livell tas-servizz tat-trasport, u n-nuqqas ta' fiduċja fiċ-ċifri tal-emissjonijiet kondiviżi fis-suq.
X'għandu jinkiseb?
Din l-inizjattiva tfittex li tegħleb l-ostakli għall-provvista ta' kontabbiltà ċara u armonizzata tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-adozzjoni tagħha fis-suq tat-trasport billi toħloq qafas komuni u regoli speċifiċi. Dan il-qafas se jhegħġegħ tibdil fl-imġiba fost in-negozji u fost il-klijenti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u biex is-servizzi tat-trasport isiru aktar effiċjenti. Minn naħa, l-għan tal-inizjattiva huwa li tiżgura li d-<i>data</i> dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tkun komparabbli, billi tipprovdi lill-operaturi u lill-utenti b'metodu ta' referenza komuni u b'sett armonizzat ta' <i>data</i> dwar l-input. Min-naħa l-oħra, għandha l-għan li tneġġegħ l-użu tal-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport fil-prattiki tan-negozju billi tipprovdi għodod ta' kalkolu affidabbli, skema ta' verifika komuni u gwida dwar kif tuża l-qafas.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
Bl-istabbiliment ta' regoli armonizzati għall-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport, l-inizjattiva tneġġegħ lin-negozji jikkalkulaw l-emissjonijiet u toffri l-oportunità ta' allinjament tad-<i>data</i> dwar il-gassijiet serra bejn il-modi u n-networks nazzjonali. Dan il-livell ta' armonizzazzjoni, li jkopri l-aktar l-għażliet metodoloġiċi, id-<i>data</i> tal-input u r-regoli komuni għall-verifika, ma jistax jinkiseb b'mod effettiv permezz ta' azzjoni meħuda mill-Istati Membri individwali waħedhom. CountEmissions EU hija mfassla bħala katalista għall-komunità tat-trasport biex tiffaċilita t-tranżizzjoni ekoloġika. Billi tiżgura trasparenza aħjar dwar il-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-servizzi tat-trasport, u billi tappoġġa l-użu mill-konsumaturi tad-<i>data</i> dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra biex jagħmlu għażliet speċifiċi tat-trasport, se tgħin biex toħloq inċentivi biex jintużaw soluzzjonijiet aktar sostenibbli u biex issir innovazzjoni fin-network tat-trasport Ewropew.
B. Soluzzjonijiet
X'inhuma l-għażliet differenti biex jintlaħqu l-oġġettivi? Hemm għażla ppreferuta? Jekk le, għaliex?
Il-Kummissjoni vvalutat sitt għażliet ta' politika f'valutazzjoni tal-impatt. L-għażliet kollha jipproponu soluzzjonijiet għall-problemi identifikati, iżda jvarjaw f'termini tal-ambitu tal-azzjoni prevista fil-livell tal-

UE:

- L-Għażla 1 tinkludi metodoloġija komprensiva ta' kalkolu bbażata fuq l-istandard ISO 14083¹, sistema ċentralizzata għad-*data* tal-input, u għodda unika għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra maħluqa fil-livell tal-UE. Tipproponi wkoll verifika obbligatorja u tipproponi li l-qafas isir applikabbli għall-korpi kollha involuti fis-servizzi tat-trasport.
- L-Għażla 2 tinkorpora metodoloġija aktar favorevoli pprovduta mill-istandard ISO 14083 globali² flimkien ma' regoli kompletament volontarji ta' applikabbiltà u verifika. Bħall-Għażla 1, l-Għażla 2 tinkludi bażijiet tad-*data* ċentralizzati għad-*data* tal-input u għodda waħda għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra.
- L-Għażliet 3, 4 u 5 għandhom karatteristika ta' inklużjoni fakultattiva vinkolanti biex jużaw il-CountEmissions EU, li jfisser li l-qafas komuni japplika biss għal korpi li jagħżlu li jikkalkulaw u jiżvelaw informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra relatati mas-servizzi tat-trasport. Huma jieħdu wkoll approċċ semi-ċentralizzati għad-*data* tal-input sabiex, f'ċerti kundizzjonijiet, ikunu jistgħu jintużaw bażijiet tad-*data* tal-input esterni (ħlief fl-Għażla 5 b'bażijiet tad-*data* tal-UE kompletament ċentralizzati) u jagħtu flessibbiltà billi jippermettu lil partijiet terzi jipprovdu għodod għall-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Dawn l-għażliet iwarjaw f'termini tal-għażla metodoloġika, jiġifieri l-istandard ISO 14083 aġġornat għall-Għażla 3, l-istandard ISO 14083 sħiħ għall-Għażla 4, u r-Regoli tal-Kategorija marbutin mal-Impronta Ambjentali tal-Prodott³ għall-Għażla 5.
- L-Għażla 6 tinkludi kważi sett identiku ta' miżuri ta' politika bħall-Għażla 4, ħlief li r-regolament ikun obbligatorju għall-entitajiet kollha involuti fil-forniment jew fl-organizzazzjoni ta' servizzi tat-trasport.

Huwa mistenni li l-għażliet kollha jipproduċu żieda fl-użu tal-kontabbiltà tal-emissjonijiet meta mqabbla mal-linja bażi.

Wara l-valutazzjoni, il-Kummissjoni identifikat l-Għażla 4 bħala l-għażla ppreferuta. Din tilħaq l-aħjar bilanċ bejn l-oġġettivi li għandhom jintlaħqu u l-kostijiet ġenerali.

X'inhuma l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?

Il-partijiet ikkonċernati fil-biċċa l-kbira approvaw ir-rilevanza tal-problemi identifikati, u qablu mal-oġġettivi. Huma pprovdew kontribut utli għall-kalkolu tal-linja bażi għall-adozzjoni tal-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, u kkontribwew għall-iżvilupp u l-valutazzjoni tal-miżuri u l-għażliet ta' politika rilevanti. Bi tweġiba għall-mistoqsija dwar metodoloġija ta' referenza komuni għall-kalkolu tal-emissjonijiet, il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati rreferew għal approċċi eżistenti jew emerġenti tal-kontabbiltà tal-gassijiet serra, b'mod partikolari dawk b'ambitu globali biex jikkalkulaw l-emissjonijiet.

Fir-rigward tad-*data* tal-input, il-partijiet ikkonċernati ssuġġerew li l-UE għandha tippromwovi l-użu ta' *data* primarja u għandha toħloq ambjent komuni ta' valuri prestabbiliti biex jintuża jekk din id-*data* ma tkunx disponibbli jew aċċessibbli. Huma esprimew ukoll il-ħtieġa għal linji gwida armonizzati dwar kif għandu jiġi implimentat il-qafas f'segmenti speċifiċi tas-settur tat-trasport, biex jiżguraw il-fehim uniformi tiegħu f'diversi partijiet tal-katina tat-trasport. Ir-rispondenti tennew il-ħtieġa għal sistema ddedikata għall-verifika tad-*data* dwar l-emissjonijiet u l-proċessi ta' kalkolu, anke jekk il-partijiet ikkonċernati, speċjalment l-SMEs, kellhom riżervi dwar il-piż u l-kostijiet amministrattivi assoċjati. Fir-rigward tal-applikabbiltà, filwaqt li xi partijiet ikkonċernati sabu li rekwiżit obbligatorju jkun l-aktar effettiv fl-ilħuq ta' kundizzjonijiet ekwi, b'mod ġenerali huma qiesu li l-approċċ ta' inklużjoni fakultattiva huwa l-aktar fattibbli u effiċjenti.

L-Istati Membri pprovdew rispons limitat għall-konsultazzjoni, iżda t-tweġibiet li waslu wrew appoġġ ġenerali għar-raġunament u l-oġġettivi tal-inizjattiva.

¹ L-użu tal-metodoloġija pprovduta mill-istandard ISO 14083 (abbażi ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra well-to-wheel li jirriżultaw kemm mill-użu tal-vetturi kif ukoll mill-provvista tal-enerġija tal-vetturi) b'komponenti addizzjonali u b'aktar akkuratezza

² L-istandard ISO 14083 ġie traspost f'April 2023 għall-istandard Ewropew EN ISO 14083 mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni. Din l-inizjattiva tirreferi għall-verżjoni Ewropea tal-istandard.

³ Jindirizzaw valutazzjoni sħiħa taċ-ċiklu tal-ħajja tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ġġenerati mill-produzzjoni, id-distribuzzjoni, l-użu u ż-żarmar tal-vetturi.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella ta' dawk ewlenin)?
Il-benefiċċji diretti jinkludu tnaqqis fil-kostijiet totali tal-enerġija ta' EUR 2,4 biljun meta mqabbla mal-linja bażi, espressi fi prezzijiet kurrenti matul l-2025-2050. Barra minn hekk, din l-inizjattiva hija stmata li twassal għal tnaqqis fil-kostijiet esterni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' EUR 674 miljun, fl-emissjonijiet tat-tniġġis tal-arja ta' EUR 163,5 miljun u għal tnaqqis fl-inċidenti tat-triq stmati għal EUR 47 miljun. Għalhekk, il-benefiċċji totali tal-għażla ta' politika ppreferuta jammontaw għal EUR 3,9 biljun meta mqabbla mal-linja bażi, filwaqt li l-benefiċċji netti jammontaw għal EUR 2,4 biljun meta mqabbla mal-linja bażi, espressi fi prezzijiet kurrenti matul l-2025-2050. Dawn l-impatti huma xprunati l-aktar minn bidla fl-imġiba biex jiżdied l-użu ta' metodi tat-trasport aktar sostenibbli u biex jiġu ottimizzati l-vjaġġi.
X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
Il-kostijiet tal-għażla ta' politika ppreferuta huma stmati għal EUR 1,5 biljun minbarra l-kostijiet bażi matul il-perjodu 2025-2050 (valur kurrenti nett, b'rata ta' skont ta' 3 %). Il-kostijiet addizzjonali tal-għażla ta' politika ppreferuta se jiġġarrbu prinċipalment min-negożji involuti fis-servizzi tat-trasport li jwettqu inklużjoni fakultattiva jew li għandhom il-mandat li jikkwantifikaw u jikkondividu d-<i>data</i> dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Sehem kbir mill-kostijiet totali huwa fil-bidu, fil-qlib u fit-tħaddim tal-metodoloġija ta' referenza komuni (l-istandard ISO 14083). Għalkemm il-kostijiet unitarji tal-attivitajiet ta' verifika u tal-għodod ta' kalkolu huma aktar baxxi mill-kostijiet bażi korrispondenti, dawn se jwasslu wkoll għal kostijiet addizzjonali minħabba ż-żieda fl-użu tal-kontabbiltà tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur tat-trasport. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent se ġġarrab kostijiet għall-istabbiliment u għaż-żamma tal-bażijiet tad-<i>data</i> tal-UE meħtieġa minn din l-inizjattiva, u għat-twettiq tal-kontrolli tal-kwalità tal-bażijiet tad-<i>data</i> esterni, kif meħtieġ biex jiġu integrati dawn il-bażijiet tad-<i>data</i> esterni skont il-qafas armonizzat tal-kontabbiltà tal-emissjonijiet. Partijiet ikkonċernati oħra (assoċjazzjonijiet tas-settur tan-negożju, uffiċċji nazzjonali tal-istatistika, korpi nazzjonali tal-akkreditazzjoni, żviluppaturi tal-għodod tal-kalkolu) se jġarrbu kostijiet komparattivament aktar baxxi.
X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u l-kompetittività?
L-għażla ta' politika ppreferuta hija mistennija li tnaqqas l-ostakli għall-SMEs biex iwettqu l-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport, speċjalment billi tipprovdi metodoloġija unika, qafas komuni ta' <i>data</i> tal-input u linji gwida għall-armonizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva fis-suq. Il-karattru kważi volontarju tal-inizjattiva u l-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-verifika tad-<i>data</i> dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tal-proċessi ta' kalkolu se jipprevjenu impatti ekonomiċi negattivi fuq l-SMEs, speċjalment f'termini tal-piż amministrattiv u l-kostijiet. Peress li l-SMEs jirrappreżentaw il-maġġoranza l-kbira tal-korpi affettwati minn dan ir-regolament, huma mistennija li jiksbu l-akbar sehem tal-benefiċċji totali li jirriżultaw minn kostijiet tal-enerġija aktar baxxi stmati skont l-għażla ta' politika ppreferuta, li jammontaw għal EUR 2,3 biljun. Il-kostijiet totali għall-SMEs huma stmati għal EUR 1,4 biljun meta mqabbla mal-linja bażi. Iż-żewġ ċifri huma espressi fi prezzijiet kurrenti matul il-perjodu 2025-2050. Għalhekk, din l-inizjattiva hija mistennija li tiġġenera benefiċċji netti ġenerali għall-SMEs stmati għal EUR 0,9 biljun meta mqabbla mal-linja bażi matul il-perjodu 2025-2050.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
Il-biċċa l-kbira tal-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni u tal-uffiċċji tal-istatistika li jkunu affettwati minn dan ir-regolament jiddependu fuq il-finanzjament mill-Istat. Peress li huma mistennija jħallsu biss sehem żgħir ħafna tal-kostijiet assoċjati mal-implimentazzjoni tal-inizjattiva, huwa mistenni li jkollhom impatt limitat ħafna fuq il-baġits nazzjonali.
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħrajn?
L-għażla ta' politika ppreferuta se tirriżulta fl-iffrankar ta' 5,6 miljun tunnellata ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra meta mqabbla mal-linja bażi matul il-perjodu 2025-2050. Dan huwa prinċipalment xprunat minn bidla fl-imġiba biex isir użu akbar minn għażliet ta' trasport aktar sostenibbli u minn bidliet għall-ottimizzazzjoni tal-vjaġġi. Hija mistennija wkoll li tiġġenera impatti pożittivi fuq il-kwalità tal-

arja, il-kompetittività, l-innovazzjoni, fuq il-funzjonament tas-suq intern u fuq id-diġitalizzazzjoni tas-settur tat-trasport.

Proporzjonalità

L-għażla ta' politika ppreferuta toffri l-aktar sett ibbilanċjat ta' miżuri biex jintlaħaq l-oġettiv ta' politika ġenerali. Din tippredvi l-użu tal-istandard ISO 14083, tippermetti lil partijiet terzi jkunu involuti fil-forniment ta' *data* tal-input u għodod ta' kalkolu, u tistabbilixxi rekwiżiti proporzjonali dwar il-verifika tad-*data* (billi teżenta l-SMEs). Barra minn hekk, billi tippermetti lill-utenti jagħżlu li japplikaw il-qafas armonizzat, tillimita r-rekwiżiti vinkolanti għall-entitajiet li jagħżlu li jikkwantifikaw u jikkondividu d-*data* dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport, filwaqt li toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-kontabbiltà tal-emissjonijiet u tagħmel id-*data* dwar l-emissjonijiet aktar komparabbli bejn modi u segmenti differenti tat-trasport.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Ir-regolament se jiġi evalwat 5 snin wara li jsir applikabbli, jiġifieri wara l-adozzjoni tal-proposta u tal-leġislazzjoni sekondarja li tistabbilixxi regoli dettaljati.